**Qorti Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

Att t' Akkuza Nr. 04/2021

Ir-Repubblika ta' Malta

vs

*Omissis*

Illum 1 ta' Lulju, 2021

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-akkuza numru 4 tas-sena 2021 migjuba fil-konfront ta' *Omissis*, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 385590M pprezentata fit-12 ta' Frar, 2021 fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap tal-Att tal-akkuza ppremetta:

ILLI fis-sena 2015 *Omissis*, żagħżugħa ta' 21 sena, issieħbet mal-Korp tal-Pulizija bħala Kuntistabbli. Hija ingħatat in-numru tas-servizz WPC 76, u ġiet stazzjonata ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida;

ILLI hija kienet kuntenta ħafna fuq ix-xogħol u bdiet tippjana sabiex tibni familja, tant li fis-sena 2016 kellha tarbija flimkien mas-sieħeb tagħha Christopher Vella;

ILLI circa f'April tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), pero', beda jaħdem fl-istess shift tal-Pulizjotta *Omissis* l-akkużat *Omissis*, Kuntistabbli bin-numru tas-servizz PC 1119, fatt li ssarraf f'għawġ kbir għall-Kuntistabbli *Omissis*. Għalkemm għall-bidu l-akkużat *Omissis* kien iġib ruħu b'mod normali fil-konfront ta' *Omissis*, wara xi sitt (6) xhur huwa beda jipprova jagħti kunfidenza żejda u jittanta sesswalment lil *Omissis*. Minkejja li *Omissis* għamlithielu ċara li ma kenitx interessata fih u li kellha sieħeb u saħansitra tarbija, l-akkużat *Omissis* baqa' jippersisti b'dan l-aġir tiegħu tant li fit-Tletin (30) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), filwaqt li qalilha "ejja ħa nurik x'naf jien!" biesha bil-forza kontra r-rieda tagħha. Dan l-aġir abbużiv seħħ ġewwa l-post tax-xogħol ta' *Omissis* u ta' l-akkużat *Omissis*, u ċioe' ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida! Minn dakinhar l-akkużat *OMISSIS* baqa' jittanta lil *Omissis* b'mod goff, billi jaqbdilha l-warrani u sidirha meta jsib ruħu waħdu magħha fuq ix-xogħol. Dana dejjem kontra r-rieda u l-volonta' ta' l-istess *Omissis*;

ILLI nhar is-Sittax (16) ta' Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), pero', l-aġir abbużiv u illegali ta' l-akkużat *Omissis* fil-konfront ta' *Omissis* ħa dimensjoni addirittura ferm aktar serja. Għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30 hrs.) waqt li kemm l-akkużat *OMISSIS* kif ukoll il-Kuntistabbli *Omissis* kienu xogħol waħedhom ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, l-akkużat *Omissis* mar bilqegħda ħdejn *Omissis* u talabha biex tagħmel is-sess orali fuqu. *Omissis* irrifjutat, u, f'dan il-waqt l-akkużat *Omissis* qabadha minn idha u ġibidha 'l ġewwa bil-forza, ġewwa kamra aktar 'l ġewwa ġo l-Għassa. Hawnhekk imbuttaha fuq sufan, neża' l-qalziet tas-servizz, ħareġ il-parti ġenitali tiegħu, qabad ras *Omissis* u beda jipprova jisforza l-parti ġenitali tiegħu ġo ħalqha. *Omissis* bdiet tirreżisti lill-akkużat *OMISSIS* billi żżomm ħalqha magħluq u ddawwar wiċċha, u, f'mument minnhom irnexxielha tqum minn fuq is-sufan u pruvat taħrab. F'dan il-punt, pero', l-akkużat *Omissis* kien pront ħatafha minn idejha, rassha ma' mejda, niżżlilha l-qalziet tas-servizz u l-qalziet ta' taħt u pprova jdaħħal il-parti ġenitali tiegħu ġewwa l-parti ġentiali tagħha. *Omissis* bdiet tgħid lill-akkużat *OMISSIS* biex iħalliha u rreżistiet kif setgħet biex ma tiġix stuprata, u, fil-fatt, għall-ewwel l-akkużat *Omissis* ma rnexxilux idaħħal il-parti ġenitali tiegħu ġewwa dik tagħha. Meta ra hekk, pero', dawwarha bil-forza biex ġiet daharha lejħ, baxxiha għal

fuq il-mejda, żammha kontra r-rieda u l-volonta' tagħha u stupraha, u ċioe' kellu konġunġiment karnali magħha billi daħħal il-parti ġenitali tiegħu ġewwa l-parti ġenitali tagħha minn naħa ta' wara kontra r-rieda u l-volonta' tagħha. X'ħin deherlu li kien inqeda' biżżejjed l-akkużat *Omissis* ħareġ il-parti ġenitali tiegħu minn ġo dik ta' *Omissis*, u beda jimmasturba lilu nnifsu u jbusha bil-forza, sakemm eġakola ma' l-art. Kif illesta mar ġab il-mopp ta' l-Għassa u mesaħ l-art;

ILLI fil-ġranet ta' wara dan l-istupru l-akkużat *Omissis* adotta komportament patronanti u kemmxejn aggressiv fil-konfront ta' *Omissis* fuq ix-xogħol, sakemm nhar is-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), l-akkużat *Omissis* reġa' stupra lil *Omissis*. *Omissis* kienet xogħol night watch ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, flimkien ma' l-akkużat, Kuntistabbli ieħor, u Surġent. Għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (03:00 hrs) s-Surġent mar jistrieħ id-dar għax filgħodu kellu xi xogħol il-Qorti filwaqt li l-Kuntistabbli l-ieħor daħal jieħu nagħsa fuq is-sufan fil-kamra fejn inċidentalment l-akkużat kien stupra lil *Omissis* l-ewwel darba. L-akkużat kien diġa' pprova jittanta b'mod sesswali lil *Omissis* f'dik il-lejla, iżda, għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu (03:30 hrs), meta s-Surġent kien telaq u l-Kuntistabbli l-ieħor kien rieqed fil-kamra ta' ġewwa, l-akkużat *Omissis* mar ħdejn *Omissis*, qabadha minn idejha u ġibidha bil-forza għal ġol-kitchenette ta' l-Għassa. Hemmhekk dawwarha wiċċha lejn is-sink, rassha mas-sink b'mod li ma setgħetx taħrab, niżżlilha l-qalziet tas-servizz u l-qalziet ta' taħt, niżżel il-qalziet tas-servizz u l-boxer shorts tiegħu, ħareġ l-organu ġenitali tiegħu, u stupraha, u ċioe' kellu konġunġiment karnali magħha billi daħħal il-parti ġenitali tiegħu ġewwa l-parti ġenitali tagħha minn naħa ta' wara kontra r-rieda u l-volonta' tagħha. L-istess bħal ma' għamel l-ewwel darba, din id-darba wkoll x'ħin deherlu li kien inqeda' biżżejjed l-akkużat *Omissis* ħareġ il-parti ġenitali tiegħu minn ġo dik ta' *Omissis*, u beda jimmasturba lilu nnifsu u jbusha bil-forza, sakemm eġakola ma' l-art. Ukoll kif għamel l-ewwel darba, kif illesta mar ġab il-mopp ta' l-Għassa u mesaħ l-art;

ILLI xi ġranet wara l-akkadut u wara li saret taf li l-akkużat *Omissis* kien qiegħed ukoll jipprova jittanta Pulizjotta oħra żagħżugħa kollega tagħha, *Omissis* għamlet il-kuraġġ u rrappurtat dan l-abbuż sesswali u l-istupru lis-superjuri tagħha;

ILLI meta ġie nterrogat mill-Pulizija nhar it-Tmintax (18) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), l-akkużat *Omissis* ikkonferma l-fatti kif hawn fuq imfissra, pero' saħaq li l-atti sesswali li huwa għamel ma' *Omissis* għamilhom bil-kunsens tagħha, anzi, li addirittura li kienet hi li kienet tħajjru u tinstigah għas-sess!;

ILLI madanakollu, l-għada, u ċioe' nhar id-Dsatax (19) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), l-akkużat *Omissis* irrilaxxja Stqarrija oħra fil-preżenza ta' l-Avukat tiegħu, fejn skarta l-verżjoni li kien ta l-ġurnata ta' qabel u kkonferma bl-aktar mod skjett u inekkwivoku li d-darbtejn li kellu x'jaqsam sesswalment ma' *Omissis* ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida huwa għamel dan mingħajr il-kunsens tagħha. Huwa addirittura rrikonoxxa l-gravita' ta' dak li għamel u xtaq jitlob skuża lil *Omissis* għat-tiġrib kollu li kkaġunalha;

ILLI l-istupru ta' *Omissis* mill-akkużat *Omissis* huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi stante li sar ripetutament;

ILLI di piu', bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat *Omissis* kellu jissorvelja biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

ILLI għalhekk, b'għemilu, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, l-akkużat *Omissis* sar ħati ta' stupru vjolent aggravat, u ċioe' talli nhar Sittax (16) ta' Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs), ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta; kif ukoll nhar is-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu (03:30hrs), wkoll ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor (*Omissis*), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat stante li sar ripetutament;

ILLI di piu', bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat *Omissis* kellu jissorvelja biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi *Omissis* ħati ta' stupru vjolent aggravat, u ċioe' talli nhar Sittax (16) ta' Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs), ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta; kif ukoll nhar is-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu (03:30hrs), wkoll ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor (*Omissis*), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat stante li sar ripetutament;

Jakkużah ukoll li bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat *Omissis* sar ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx, jew li minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat *Omissis* u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn ħames (5) snin sa erbgħin (40) sena u reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perjodu, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 31(e), 141, 198[1], 202(j), 383, 384, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.
Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, u ċioe' nhar nhar Sittax (16) ta' Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) għall-

[1] Kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz ta' l-Att Nru. XIII tal-2018.

ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs), ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta; kif ukoll nhar is-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu (03:30hrs), wkoll ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta l-akkużat *Omissis*, Kuntistabbli tal-Pulizija, arresta, żamm, u ssekwestra lil *Omissis*, Kuntistabbli kollega tiegħu, sabiex ikun jista' jistupraha kontra l-volonta' tagħha;

ILLI fl-ewwel okkażjoni, u ċioe' dik tas-Sittax (16) ta' Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs), waqt li kemm l-akkużat *Omissis* kif ukoll il-Kuntistabbli *Omissis* kienu xogħol waħedhom ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, l-akkużat *Omissis* mar ħdejn *Omissis*, qabadha minn idha u ġibidha 'l ġewwa bil-forza, ġewwa kamra aktar 'l ġewwa ġo l-Għassa. Hawnhekk imbuttaha fuq sufan, neża' l-qalziet tas-servizz, ħareġ il-parti ġenitali tiegħu, u filwaqt li żamm lil *Omissis* bil-forza, beda wkoll iżommilha rasha biex iġiegħlha tagħmel is-sess orali fuqu. Imbagħad imbuttaha u rassha ma' mejda b'mod li ma setgħetx taħrab, niżżlilha l-qalziet tas-servizz u l-qalziet ta' taħt, żammha kontra r-rieda u l-volonta' tagħha u stupraha;

ILLI fit-tieni okkażjoni, u ċioe' dik tas-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu (03:30 hrs), meta l-akkużat *Omissis* u *Omissis* kienu xogħol night watch ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, l-akkużat *Omissis* qabad lil *Omissis* minn idejha u ġibidha bil-forza għal ġol-kitchenette ta' l-Għassa. Hemmhekk dawwarha wiċċha lejn is-sink, rassha mas-sink b'mod li ma setgħetx taħrab, żammha kontra r-rieda u l-volonta' tagħha, u stupraha;

ILLI l-akkużat *Omissis*, minkejja li Kuntistabbli tal-Pulizija, ma kellu ebda ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti u lanqas kellu s-setgħa bil-liġi li jarresta, jżomm, jew jissekwestra lil *Omissis* kontra l-volonta' tagħha, anzi, bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, kellu jissorvelja biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

ILLI għalhekk, b'għemilu l-akkużat *Omissis* sar ħati ta' arrest, detenzjoni, jew sekwestru kontra l-liġi, u ċioe' talli nhar is-Sittax (16) ta' Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs), ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta; kif ukoll nhar is-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu (03:30hrs), wkoll ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew issekwestra persuna (*Omissis*) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (*Omissis*) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

ILLI di piu', bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat *Omissis* kellu jissorvelja biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi *Omissis* ħati talli nhar is-Sittax (16) ta' Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs), ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta; kif ukoll nhar is-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu (03:30hrs), wkoll ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew issekwestra persuna (*Omissis*) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (*Omissis*) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

Jakkużah ukoll li bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat *Omissis* sar ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx, jew li minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat *Omissis* u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tmintax (18)-il xahar sa sitt (6) snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 86, 87(1)(ġ), 141, 383, 384, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ippremetta:

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-ewwel żewġ kapi ta' dan l-Att ta' Akkuża, l-akkużat *Omissis*, Kuntistabbli tal-Pulizija bin-numru tas-servizz PC 1119, beda jagħti fastidju sesswali lil żewġ Pulizjotti żagħżagħ, nisa, li kienu jaħdmu fix-shift tiegħu. Kif intqal fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, circa f'April tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) l-akkużat *Omissis* beda jaħdem fl-istess shift tal-Pulizjotta żagħżugħa *Omissis*. Għalkemm fil-bidu huwa kien iġib ruħu b'mod normali u dekoruż, wara xi sitt (6) xhur huwa beda jipprova jagħti kunfidenza żejda u jittanta sesswalment lil *Omissis*. Minkejja li *Omissis* għamlithielu ċara li ma kenitx interessata fih u li kellha sieħeb u saħansitra tarbija, l-akkużat *Omissis* baqa' jippersisti b'dan l-aġir tiegħu. Fil-fatt, nhar it-Tletin (30) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), filwaqt li l-akkużat *Omissis* u *Omissis* kienu xogħol night watch, l-akkużat *OMISSIS*, f'xi ħin wara s-siegħa ta' bil-lejl (01:00hrs) mar ħdejn *Omissis*, qabadha minn idejha, u filwaqt li qalilha "ejja ħa nurik x'naf jien!" ġibidha għal ġo kamra aktar 'l ġewwa u biesha bil-forza kontra r-rieda tagħha. Minkejja li *Omissis* bdiet timbuttah 'l hemm u tgħidlu biex iħalliha, huwa xorta biesha kontra l-volonta' tagħha;

ILLI l-għada, u ċioe' nhar il-Wieħed u Tletin (31) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), filwaqt li l-akkużat *Omissis* u *Omissis* kienu xogħol second watch, l-akkużat

*OMISSIS* mar ħdejn *Omissis*, li kienet xogħol fil-kamra tal-orderly, u hemmhekk qabdilha sidirha u l-warrani minn fuq il-ħwejjeġ, b'*Omissis* timbuttaħ 'l hemm u tgħidlu biex iħalliha bi kwietha;

ILLI matul il-ġranet u ġimgħat sussegwenti l-akkużat *Omissis* kompla jagħti fastidju ta' natura sesswali lil *Omissis*, billi, fost affarijiet oħra, jmissilha sidirha u l-warrani 'bis-serqa' meta ma jkun qed iħares ħadd, jgħidilha kliem bħal "illum iċ-ċans!" meta jinzertaw ikunu waħedhom l-Għassa, u saħansitra esprima magħha x-xewqa sesswali partikolari tiegħu li "jaħxi ġo l-Għassa";

ILLI dan l-aġir abbużiv invarjabbilment seħħ ġewwa l-post tax-xogħol ta' *Omissis* u ta' l-akkużat *Omissis*, u ċioe' ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, b'*Omissis* invarjabbilment turi lill-akkużat bl-aktar mod ċar u inekkwivoku li kienet qed tħossha ffastidjata b'dan l-aġir tiegħu;

ILLI dan il-fastidju sesswali ta' l-akkużat *Omissis* fil-konfront ta' *Omissis* ikkulmina u saħansitra wassal għall-istupru ta' *Omissis* mill-akkużat kif spjegat fil-kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża;

ILLI rriżulta wkoll, pero', li *Omissis* ma kenitx l-unika vittma tal-fastidju sesswali da parti ta' l-akkużat *Omissis*. F'Diċemnru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) daħlet taħdem bħala Pulizija ċerta *Omissis*, żagħżugħa ta' dsatax (19)-il sena. Nhar l-Erbgħa (4) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) *Omissis* kienet night watch ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, Malta, meta f'xi ħin matul il-lejl marru l-Għassa l-akkużat *Omissis* u Pulizija ieħor (PC 145) bil-vettura tas-servizz, u talbuha biex tmur magħhom għax kellhom riferta xi jqassmu. *Omissis* ratha ftit stramba din il-biċċa xogħol għax ma huwiex normali li riferti jitqassmu bil-lejl. Pero' *Omissis* ġiet infurmata li r-riferta kienet għal waħda prostituta, u li dak il-ħin kien l-aħjar ħin biex isibuha. Għaldaqstant *Omissis* aċċettat li tmur magħhom;

ILLI minflok ma marru direttament ifittxu lil din il-persuna, pero', l-akkużat *Omissis* saq lejn l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, fejn hemmhekk niżżel lil PC 145 u talab lil *Omissis* (li, sa dak il-ħin kienet riekba fuq is-seat ta' wara) biex tirkeb fuq is-seat tal-passiġġier. *Omissis* rikbet fuq quddiem u l-akkużat *Omissis* saq lejn Triq Testaferrata ġewwa l-Imsida / Gżira, pero' l-persuna li kienu qegħdin ifittxu ma sabuhiex. Meta raw hekk iddeċidew li jagħmlu ftit patrol biex, fost affarijiet oħra, joħorġu taħrikiet fuq karozzi li kienu pparkjati ħażin;

ILLI matul it-traġitt, pero', l-akkużat *Omissis* beda jmiss saqajn *Omissis* diversi drabi, b'*Omissis* tipprotesta u huwa jweġibha li idu tiżloqlu minn fuq il-gear lever ! Inoltre, kull meta *Omissis* kienet tinżel mill-karozza tas-servizz biex tagħti xi ticket, l-akkużat *Omissis* kien jikkummentalha kemm għandha warrani sabiħ, u, meta tidħol lura fil-vettura kien ikun pront ipoġġi idu fuq is-seat tal-passiġġier eżatt x'ħin *Omissis* tkun se tpoġġi, u dana sabiex hi tpoġġi fuq idu. *Omissis* għamlithielu ċara li kienet qed tħossha ffastidjata b'dan l-aġir tiegħu;

ILLI ħamest ijiem wara, u ċioe' nhar id-Disgħa (9) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), waqt li l-akkużat *Omissis* u *Omissis* reġgħu inzertaw kienu fil-vettura tas-servizz flimkien, din id-darba fit-triq ta' wara l-Qorti, ġewwa l-Belt Valletta, Malta, jistennew superjur tagħhom joħroġ mill-Qorti, l- akkużat *Omissis* għal darb'oħra beda jipprova jmiss saqajn *Omissis*, b'Xerri twissieh biex jieqaf u tneħħilu jdejh minn fuq saqajha. Waqt li beda jmissilha saqajha beda wkoll addirittura jistedinha biex tmur weekend break miegħu, b'*Omissis* tirrifjuta. X'ħin waslu lura ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, *Omissis* daħlet biex tixtri xi ħaġa mill-vending machine li hemm ġo kamra fuq ġewwa ta' l-Għassa, bl-akkużat *Omissis* jidħol inkiss inkiss warajha u jbusha fuq wiċċha. *Omissis* mbuttatu 'l hemm u l-akkużat beda' jitbissem;

ILLI bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat *Omissis* kellu jissorvelja biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat *Omissis* sar ħati li ta' fastidju sesswali, u ċioe' talli nhar id-Disgħa (9) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) u fil-ġimgħat u xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bħala impjegat fil-Korp tal-Pulizija ta fastidju sesswalment lil impjegati oħra (*Omissis* u *Omissis*) billi assoġġettahom għal att jew atti ta' intimita' fiżika u/jew assoġġetahom għal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, ġesti, jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor fejn l-att jew atti jew il-kondotta ma kienux mixtieqa mill-vittmi (*Omissis* u *Omissis*) u jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala offensivi, umiljanti, u intimindatorji lejn il-vittmi;

ILLI di piu', bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat *Omissis* kellu jissorvelja biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi *Omissis* ħati talli nhar id-Disgħa (9) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) u fil-ġimgħat u xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bħala impjegat fil-Korp tal-Pulizija ta fastidju sesswalment lil impjegati oħra (*Omissis* u *Omissis*) billi assoġġettahom għal att jew atti ta' intimita' fiżika u/jew assoġġetahom għal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, ġesti, jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor fejn l-att jew atti jew il-kondotta ma kienux mixtieqa mill-vittmi (*Omissis* u *Omissis*) u jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala offensivi, umiljanti, u intimindatorji lejn il-vittmi (*Omissis* u *Omissis*);

Jakkużah ukoll li bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat *Omissis* sar ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx, jew li minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat *Omissis* u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn disa' (9) xhur sa tmintax (18)-il xahar, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 141, 383, 384, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-artikoli 29 u 32[2] ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ipremetta:

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-ewwel tliet kapi ta' dan l-Att ta' Akkuża, l-akkużat *Omissis*, Kuntistabbli tal-Pulizija bin-numru tas-servizz PC 1119, beda jagħti fastidju sesswali lil żewġ Pulizjotti żagħżagħ nisa, u ċioe' lil *Omissis* u lil *Omissis*;

ILLI kif intqal, xi sitt (6) xhur wara li f'April tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) l-akkużat *Omissis* beda jaħdem fl-istess shift ta' *Omissis*, huwa beda jagħtiha kunfidenzi żejda, jittantaha, u jiffastidjaha. Il-fastidju da parti ta' l-akkużat *Omissis* fil-konfront ta' *Omissis* ma kienx biss wieħed ta' natura sesswali kif imfisser fit-Tielet (3) Kap ta' dan l-Att ta' l-Akkuża, imma kien ukoll wieħed ġenerali u intimidatorju sempliċiment biex *Omissis* tibda' tibża' minnu u tiġi sottomessa lejh. Huwa kien jgħajjarha, joħroġilha siequ meta tkun għaddejja minn ħdejh biex taqa' fiha, jidhol ġo fiha, u, saħansitra wara li ffastidjaha sesswalment fit-Tletin (30) u fil-Wieħed u Tletin (31) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) huwa kien iwiddibha biex ma titkellem ma' ħadd dwar dak li kien jagħmlilha għax "idawwarha fuqha". Effettivament, meta ġieli kien ikun qiegħed jitkellem ma' kollegi rġiel ġo l-Għassa ġieli kien saħansitra jirreferi għal *Omissis* u

[2] Kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz ta' l-Att Nru. XIII tal-2018.

jgħaddi kummenti bħal: "din tħobbu ż-żobb!". Dan il-course of conduct da parti ta' l-akkużat *Omissis* fil-konfront ta' *Omissis* baqa' jippersisti saħansitra wara li stupraha fis-Sittax (16) ta' Frar u fis-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), kif imfisser fl-ewwel żewġ kapi ta' dan l-Att ta' Akkuża, meta addirittura adotta komportament aktar aggressiv u patronanti fil-konfront tagħha, u beda jippretendi li tobdieh f'kollox. *Omissis* tgħid illi dan il-fastidju da parti ta' l-akkużat *Omissis* affettwaha ħażin ħafna psikoloġikament u kull meta kien imissha duty ma' l-akkużat kienet tħossha daqslikieku sejra "ġo ħabs"għax kienet tħossha kompletament ikkundizzjonata minnu u mill-aġir persistenti tiegħu fil-konfront tagħha;

ILLI bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat *Omissis* kellu jissorvelja biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat *Omissis* sar ħati ta' fastidju, u ċioe' talli nhar it-Tmienja (8) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) u fil-ġimgħat u xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuna oħra (*Omissis*) u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju għal dik il-persuna.

ILLI di piu', bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat *Omissis* kellu jissorvelja biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi *Omissis* ħati talli nhar it-Tmienja (8) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) u fil-ġimgħat u xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuna oħra (*Omissis*) u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju għal dik il-persuna.

Jakkużah ukoll li bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat *Omissis* sar ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx, jew li minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat *Omissis* u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn xaharejn (2) sa tmintax (18)-il xahar, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 141, 251A[3], 383, 384, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet preliminari ta' *Omissis*, pprezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti fit-12 ta' Marzu, 2021 fejn l-akkuzat imsemmi eccepixxa is-segwenti:

1. Illi jigi rilevat illi l-atti tal-kumpilazzjoni u s-sussegwenti att ta' akkuza huma nulli stante illi ghalkemm l-akkuzat wiegeb mhux hati fl-ewwel seduta u cioe' dik datata 20 ta' Marzu tas-sena 2018, il-Qorti naqset milli tibghat l-atti ghand ir-Registratur tal-Qrati sabiex jigu assenjati skont il-Ligi izda zammett l-atti ghandha u fil-fatt l-istess Qorti kif preseduta zammet seduta l-ghada 21 ta' Marzu tas-sena 2018 fejn kien biss f'dik is-seduta illi l-Qorti kif preseduta baghtet l-atti ghand ir-Registratur tal-Qrati sabiex jigu assenjati skont il-Ligi u dan jammonta ghall-irregolarita' fil-proceduri li ma tistax tigi sanata. Jigi umilment rilevat li huwa obbligu tal-Avukat Generli li jezamina l-atti tal-process f'kumpliazzjoni, u f'kaz li jirrizultalu li hemm xi nuqqas, huwa ghandu jirrinvija l-atti processwali lil dik il-Qorti permezz ta' rinviju fejn jitlob lill-Magistrat sabiex jirregolarizza tali nuqqas.

[3] Kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz ta' l-Att Nru. XIII tal-2018.

2. Illi inoltre jigi rilevat illi kwalunkwe referenza ghall-fatt illi l-akkuzat kien qieghed jikkunsidra illi jammetti senjatament a fol 13-14 u a fol 18-19 ghandhom jigu mnehhija mill-atti tal-kumpilazzjoni jew alternattivament m'ghandhomx jigu murija bl-ebda mod lill-gurati stante illi dan jaf jikkostitwixxi pregudizzju lill-akkuzat.

3. Illi l-akkuzat jirrileva li hemm diversi xhieda fl-atti tal-kumpilazzjoni, *inter alia,* ix-xhud WPC16 Suzanne Sapiano illi x-xhieda taghhom m'hix wahda ammissibbli u dan stante illi x-xhieda taghhom hija kontemplata *hearsay evidence* u dan in vista tal-gurisprudenza rigwardanti hearsay evidence.

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti fit-18 ta' Marzu, 2021 in segwitu ghan-nota ta' eccezzjonijiet pprezentata mill-akkuzat fejn ta' is-segwenti avviz ta' eccezzjoni dwar l-ammissibilita' ta':

1. Dok DB1 formanti parti mill-elenku ta' document anness man-nota ta' eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat; u

2. Dok DB2 formanti parti mill-elenku ta' dokumenti anness man-nota ta' eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-15 ta' April, 2021 il-partijiet trattaw l-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat u waqt it-trattazzjoni tal-Avukat Generali, l-avukat difensur talab zmien biex jirregola ruhu.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju, 2021 fejn l-Avukat Generali iddikjara li fil-konfront tat-tieni eccezzjoni li mhux ser jghamel referenza jew b'xi mod ha jgib a konjizzjoni tal-gurati l-verbali li saru quddiem il-Qorti istruttorja a fol 13, 14, 18 u 19 tal-atti processwali.

Rat ir-risposta ta' l-akkuzat hekk kif ipprezentata nhar l-1 ta' Gunju, 2021 fejn qed jaghmel referenza ghan-nota tal-Avukat Generali ta' nhar it-18 ta' Marzu 2021 fejn

sahaq illi Dok DB1 u DB2 huma inammissibli ghaliex mhux indikat min ghamel id-downloads u printouts u lanqas ma huma ndikati xhieda rapprezentanti ta' kontijiet socjali bhal Badoo, Instagram u Facebook;

Illi in linea generali jigi rilevat illi d-difiza fil-kamp penali trid tipprova sal-grad tal-probabli u dan kif ritenuto mill-Qrati taghna f'diversi insenjamenti fosthom **Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg.**[4]

*Fil-process kriminali fil-waqt li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, d-difiza bizzejjed li, b' xi prova li taghmel, tilhaq il-grad tal-probabbli jew dik ta' x' aktarx iva milli le ikun gara kif qed jintqal f' dik il-prova. L-istess, id-difiza, anki fl-assenza ta' provi minn naha taghha, tista' taghmel sottomissjonijiet u tipprospetta tezijiet difensjonali li jistghu iwasslu biex jiskagjonaw lill-akkuzat. Anki hawn, bizzejjed li dawk is-sottomissjoinijiet jilhqu l-grad tal-probabbli.*

**L-ammissibilta' tad-*downloads u printouts***

Illi bid-dovut rispetto l-akkuzat jaghmel referenza ghall-fatt illi din l-Onorabbli Qorti diga' kellha l-opportunita' tippronuncja ruhha fuq kwistjonijiet simili fosthom fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulzija vs. David Sant**.[5] F'dak il-kaz, l-appellant kien ikkontenda li l-Ewwel Qorti missha sfilzat DVD ghax gie mghoddi lill-Pulzija minghajr ma ttella' jixhed min gibed l-istess video. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma qablitx ma din is-sottomissjoni u qalet hekk:

*Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ma' l-appellant li dan id-dokument kellu jigi dikjarat inammissibbli. Wiehed irid jiddistingwi bejn l-ammissibilita` ta' dokument u l-valur probatorju li jista' jinghata lil tali dokument.* ***Ghalkemm huwa dejjem desiderabbli li meta jigi ezibit dokument li jkun irregistra xi xena jew diskors – film, video clip, tape recording u registrazzjonijiet ohra simili – jittella' jixhed xi hadd li*** jkun ***jista'***

[4] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Settembru 2008.
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 t' Ottubru 2007.

***jikkonferma kif u taht liema cirkostanza saret dik ir-registrazzjoni, tali konferma ma hix pre-rekwizit ghall-ammissibilita` tad-dokument. Bizzejjed wiehed jiehu l-kaz ta' meta, waqt xi perkwisizzjoni, jinstab ritratt jew filmat li jkun juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga li tkun relevanti ghall-meritu tal-kaz; il-persuna li tkun hadet dak ir-ritratt jew gibdet il-filmat tista' ma tkunx rintraccabbli (tista' anke tkun l-istess imputat li naturalment, bhalma ghandu kull dritt, jibqa' sieket meta mistoqsi dwar dak l- oggett), izda b'daqshekk ma jfissirx li dak id-dokument ma jkunx ammissibbli.*** (enfasi mizjud)

Illi kwistjoni simili giet deciza mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Dicembru 1998 fis-sentenza (preliminari) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja**[6] in segwitu konfermata fuq dan il-punt minn din il-Qorti kollegjalment komposta.[7] Il-kwistjoni kienet tirrigwardja l-ammissibilita' ta' registrazzjoni ta' konversazzjonijiet telefonici li allegatament kienu saru bejn l-akkuzat u xhud tal-prosekuzzjoni. Din il-Qorti kienet iddikjarat il-casette tape relattiv ammissibbli minkejja lill-pulizija kienet naqset, anzi rrifjutat li tghid min irregistraha u kif dik ir-registrazzjoni kienet saret.

Il-Qorti Kriminali f'dak il-kaz kienet ghamlet referenza ghall-insenjament ta' Lord Chief Justice Goddard fil-kaz **Kuruma, son of Kaniu v. The Queen**[8] fejn a pagna 203 jinghad hekk:

*"…the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While the proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordship's opinion it is plainly right in principle."*

*Ghalkemm dan intqal fil-kuntest ta' allegazzjoni li l-prova kienet inkisbet b'mod illegali, il-principju jibqa' li t-test huwa dak tar-relevanza: jekk il-filmat jew ritratti jew registrazzjoni hu*

[6] Att t'Akkuza numru 20/97.
[7] Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kompetenza taghha superjuri, ui fl-istess ismijiet, tat-3 ta' Mejju 2000.
[8] (1955) AC 197.

*jew jista' jkun relevanti – jigifieri mhux manifestament irrelevanti – allura, fin-nuqqas ta' xi exclusionary rule of evidence dak id-dokument hu ammissibbli, salv dejjem kif inghad il-kwistjoni tal-valur probatorju. Mill-banda l-ohra, jekk ir-relevanza tad-dokument ma tkunx tista' tigi stabbilita mill-istess filmat jew ritratt jew registrazzjoni, allura, fin-nuqqas ta' xi xhud li jkun jista' jistabilixxi dik ir-rilevanza, il-qorti tista' tasal ghall-konkluzzjoni li dak l-istess dokument hu manifestament irrelevanti u allura anqas biss tqisu.*[9]

Illi ghalhekk l-kwistjoni ta' min ghamel tali *downloads* u *printouts* m'ghandiex twaqqaf lil din l-Onorabbli Qorti milli tqis l-istess provi dokumentarji bhala ammissibli skont il-ligi u dan anke fuq gurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana.

**<u>Ix-xhieda li jaghmel referenza ghalihom l-Avukat Generali fin-nota tieghu</u>**

Illi ai rigward dak li jissotometti l-Avukat Generali u cioe' illi ma hemmx indikati xhieda ta' siti socjali sabiex jikkonfermaw l-awtenticita', l-esponenti jissotometti illi llum il-gurnata dawn it-tipi ta' kontijiet socjali huma wzati bil-bosta u ghalhekk l-Qorti tista' tiehu judicial notice taghhom minghajr ma tidhol fl-izbriga li titlob rapprezentanti ta' kumpaniji mhux bazati Malta bhal Badoo, Instagram u Facebook li jikkonfermaw l-awtenticita' tal-istess;

Illi in oltre, dak li gie ezebit f'Dok DB1 huwa mehud minn dak li hu misjub onlajn pubblikament u ghalhekk facilment traccat;

Illi di piu', fl-eventwalita' li terga' tixhed l-allegata vittma tkun tista; tigi rinfaccjata bil-konversazzjoni ezebita f'Dok DB2 u ghalhekk tkun tista' tikkonferma o meno dan id-diskors;

Illi finalment jigi ccarat illi dawn id-dokumenti jistghu jigu kkonfermati fi stadju opportun;

[9] Il-Pulizija vs. David Sant deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 t' Ottubru 2007.

Ghal dawn il-motivi l-akkuzat talab lil din l-Onorabbli Qorti tqis il-kontenut tan-nota tal-Avukat Generali datata 18 ta' Marzu 2021 bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni limitatament sabiex tindaga dwar l-eccezzjonijiet li jridu jigu decizi.

Ikkunsidrat,

**<u>L-Ewwel Eccezzjoni tal-Akkuzat *Omissis*</u>**

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat hija diretta sabiex tattakka l-atti kumpilatorji u l-Att ta'l-Akkuza pprezentata mill-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta u dan *stante* li l-ewwel Qorti naqset milli tibghat l-atti ghand ir-Registratur tal-Qrati sabiex jigu assenjati skont il-Ligi izda zammet l-atti ghandha u baghtet l-atti ghand ir-Registratur tal-Qrati l-ghada u dan, skont l-akkuzat, jammonta ghall-irregolarita' fil-proceduri li ma tistax tigi sanata. Jinghad pero li fin-nota tieghu l-akkzuat naqas li jindika that liema artikolu tal-ligi kien qed jibbaza l-eccezzjoni tieghu.

Illi kif accena tajjeb l-akkuzat, nhar l-20 ta' Marzu 2018, huwa wiegeb mhux hati ghall-akkuzi hekk kif dedotti kontra tieghu u dan meta hekk mistoqsi mir-Registratur ai termini ta' Artikolu 392(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Li kieku l-akkuzat wiegeb li kien hati, f'dawn ic-cirkustanzi u ai termini ta' Artikolu 392B(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti kienet tordna sabiex tibghat l-atti tal-kumpilazzjoni fi zmien statutorju ta' tlett ijiem ta'xoghol, lill-Avukat Generali u tinnotifika wkoll lir-Registratur tal-Qorti Kriminali li saret ammisjoni ta' htija. Madanakollu, kif diga ntqal dan ma kienx il-kaz fil-proceduri odjerni. Illi ma hemmx xejn fil-ligi meta akkuzat ma jirregistrax ammissjoni li tghid li l-Magistart sedenti ghandha tibghat l-atti lir registratur fl-istess jum li jigu ghandha minkejja li generalment isisr hekk. Din hija xi haga **<u>purament amministrattiva</u>** u ghalhekk l-aggravju tal-akkuzat hija infondata u zgur li ma twassalx ghan-nullita' tal-atti kumpilatorji.

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri –Kolleggjali) fl-appell I**<u>r-Repubblika ta' Malta vs. Ann-Elizabeth sive Anabel Ebejer:</u>**[10]

*"L-ebda irregolarita` u l-ebda difett fl-atti tal-kumpilazzjoni ma jista' jkollhom bhala konsegwenza taghhom ir-rinviju ta' l-atti mill-Qorti Kriminali lill-Qorti Istruttorja biex tigi regolarizzata l-pozizzjoni, isir dak li kellu jsir u ma sarx, jew sanat id-difett. Irregolarita` jew difett fl-atti tal-kumpilazzjoni jistghu iwasslu biss ghall-eskluzzjoni tal-prova li ma tkunx tirrizulta konformi mall-precett tal-ligi, jew inkella ghan-nullita` ta' l-att talakkuza, wara debita eccezzjoni bil-forma w fl-istadju opportun fil-kazijiet previsti mill-ligi."*

Inghad li f'dan il-kaz lanqas qatt ma saret xi referenza ghal din il-kwisjtoni quddiem l-Ewwel Qorti izda l-akkuzat ghazel li iqajjem dan il-punt biss quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Fuq kollox l-Artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali jiddisponi:

> "**<u>L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni</u>**, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix ' il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk dak id-difett **<u>ikun jikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tar-rapport tal-uffiċjal tal-Pulizija jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova.</u>**"

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri –Kolleggjali) nhar ilt-28 ta Frar 1985.

Huwa dan l-Artikolu tal-ligi li jipprovdi ghal meta Att t' Akkuzat ghandha titqies li hija nulla u ghalhekk fin-nuqqas li l-akkuzat isejjes l-eccezzjoni tieghu fuq dak li jipprovdi dan l-Artikolu, l-Att t' Akkuza ma tista' qatt tigi ddikjarata nulla. Jinghad ultejorment li l-ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi ma hija ravvizata f'dan il-kaz u ghalhekk kemm l-atti kumpilatorji u konsegwentementl-Att ta'l-Akkuza **mhumiex nulli.**

Illi finalment fuq din l-ewwel eccezzjoni jinghad li minn ezami li l-Qorti ghamlet tal-verbali tal-atti kumpilatorji, ma jihdirx illi f'xi stadju tal-kumpilazzjoni l-akkuzat oggezzjona ghal dan il-fatt jew qajjmu xi eccezzjoni ta' nullita' ghalhekk l-akkuzat ghazel li joqghod ghal gurisdizzjoni tal-Qorti Istruttorja quddiem dik il-Qorti kif komposta. Kif tajjeb osservat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fil-kaz ta' **Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija**,[11] ghalkemm "*akkuzat ghandu dritt ghal smiegh xieraq izda dan is-smiegh xieraq waqt li jipprotegi l-presunta innocenza tal-akkuzat, ghandu wkoll ikun fair mas-socjeta' li tkun giet oltraggata bid-delitt*". Illi certament ma huwiex konducenti ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja illi l-akkuzat, minflok ma gab 'il quddiem din 'l-oggezzjoni' fi stadju opportun, halla l-proceduri ghaddejjin bil-provi kollha jigu kkumpilati mill-Qorti Istruttorja, imbaghad ivventila tali oggezzjoni f'dan l-istadju inoltrat bit-tama illi ma jkunx jista' jinghata iktar rimedju.[12]

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta vs Kevin Martin Lorence Silvio Angelo Attard**[13] fejn waqt l-atti kumpilatorji sar l-ezami ta' l-imputat ghal tlett darbiet u fejn it-tieni ezami tal-imputat ma giex iffirmat mill-Magistrat sedenti. Madankollu, l-ewwel u t-tielet ezami tal-imputat kienu ffirmati u oltre minn hekk meta sar it-tielet ezami tal-imputat l-akkuzat ta' ruhu notifikat bl-akkuza kif korretta u l-Avukat difensur ezenta lill-Qorti milli tisma' l-provi mill-gdid. Ghaldaqstant il-Qorti ta' l-Appell accenat illi ma jistax

[11] Q.Kost., 22/5/91, Vol. LXXV.i.240, 263.
[12] Ara f'dan ir-rigward **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degorgio et**, deciza nhar it-30 ta' Ottubru 2020.
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar l-20 ta' Novembru, 2008.

jigi argumentat illi hemm nuqqas ghal kollox tal -interrogatorju, meta l-ewwel u t-tielet ezami tal-imputat saru b'mod regolari u ghalhekk ikkonkludiet bis-segwenti:

> **Galadarba f'dan il-kaz l-akkuzat stess, allura imputat, u dejjem debitament assistit legalment, ghal darba darbtejn iddikjara li l-atti kienu sanati, huwa ma jistax issa jipprova jimpunja dawk l-istess atti li huwa jkun pozittivament iddikjara li kienu gew hekk sanati. Il-procedura hija intiza biex tghin u tippromuovi l-amministrazzjoni tal-gustizzja, mhux biex wiehed jinqeda biha biex jipprova jaghti l-gambetti; u fejn il-ligi ma tikkomminax in-nullita` espressament, il-Qorti ghandha tkun kawta hafna qabel ma tiddikjara xi att jew xi procedura nulla. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti hi tal-fehma li s-sentenza appellata hi ineccepibbli, u, kif inghad, l-appell huwa wiehed fieragh.**

Illi fil-kaz in desamina jigi riptetut li l-akkuzat fl-ebda hin quddiem l-ewwel Qorti ma llamenta minn-fatt li l-atti gew mghoddija lir-registratur tal-Qorit l-ghada izda hija biss f'dan l-sitadju meta l-atti kienu gja kompilati. F'dan il-kaz ukoll l-ligi ma tikkominax in-nullita espressament.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, l-ewwel eccezzjoni mressqa minn l-akkuzat *Omissis* qed tigi michuda.

**It-Tieni Eccezzjoni tal-Akkuzat *Omissis***

It-tieni eccezzjoni tal-akkuzat tirrigwarda illi kwalunkwe referenza fl-atti fejn l-akkuzat kien qieghed jikkunsidra jammetti ghandha titnehha mill-atti processwali jew dawn m'ghandhomx jigu murija lill-gurati u dan ghax kapaci jippregudikaw lill-akkuzat. Nhar is-6 ta' Mejju, 2021, l-Avukat Generali ddikjara li huwa mhux ser jaghmel referenza jew b'xi mod igib a konjizzjoni tal-gurati l-verbali li jinsabu a fol 13,

14, 18 u 19 tal-atti processwali. Ghaldaqstant din il-Qorti mhux ser tippronunzja ruhha f'dan ir-rigward u konsegwentement qed tasjteni mili tiehu konjizzjoni taghha.

**<u>It-Tielet Eccezzjoni tal-Akkuzat *Omissis*</u>**

Illi din l-eccezzjoni tal-akkuzat tirrigwardja l-fatt illi fl-atti tal-kumpilazzjoni hemm xi xhieda illi x-xhieda taghhom hija inammissibli u dan ghaliex huma biss *hearsey evidence*.

L-eccezzjoni ta' inammissibilita` ta' xhieda tippresupponi xi disposizzjoni tal-ligi li teskludi dik il-prova milli tingieb 'il quddiem fil-process.

L-Artikoli 598 u 599 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) li jirregolaw il-*hearsay evidence*, u rezi applikabbli fi procedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-sahha tal-Artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodici Kriminali jghidu kif gej:

> *598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.*
>
> *(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.*
>
> *(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.*
>
> *599. **<u>Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu;</u>** inkella*

*meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.*

Fil-kawza deciza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Janis Caruana</u>**,[14] il-kwistjoni tal-*hearsay evidence* kienet giet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawza **<u>Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija</u>**[15] il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie

[14] Deciza mill-Qorti t'Appell Kriminali nhar l-14 ta' Mejju, 2012.
[15] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar, 1988.

marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konlużjoni tal-ewwel qorti (li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ '**Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom'**[16] qalet hekk f'paragrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni tal-artikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku

[16] App. 26766/05 and 22228/06 (QEDB, 15 ta' Diċembru 2011).

kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-Khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat lartikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi</u>**,[17] il-Qorti Kriminali caħdet l-eccezzjonijiet ta' inammissibilita` wara li kkunsidrat:

*"Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa* ***<u>Subramaniam v. Public Prosecutor</u>*** *fejn insibu dan il-kliem:*

*"'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the*

[17] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar l-24 t' Ottubru 2011.

*statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

*"Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed* mingħajr ma kellu jikxef isem it-*terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.*

***"Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi eskluża fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.***

*"F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt:* ***Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja***[18]*). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:*

*"'…* ***Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għallapprezzament li tagħmel il-Qorti.'*** *('**Il-Pulizija versus***

[18] Deciza mill- Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar 26 ta' Mejju 2005.

*__Fabio Schembri__'[19] preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)."*

Illi sussegwentament fis-sentenza fl-istess ismijiet **__Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi__**[20] mbagħad din il-Qorti kienet ikkummentat hekk:

> *" … Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha,* ***__li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat.__ Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata xxiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.****"[21]*
>
> *"Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda* ***ma tistax tiġi eskluża a priori iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.***

[19] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar l-1 t' April 2011.
[20] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2012.
[21] Ara wkoll **__Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella__** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar it-30 ta' Lulju 2015.

***Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużat fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skont il-liġi."***

Dan gie wkoll enfasizzat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Lebrun</u>**[22] fejn il-Qorti sostniet is-segwenti:

*'Huwa bil-wisq evidenti minn dan it-taghlim gurisprudenzjali illi sta ghall-Imħallef togat waqt il-ġuri biex jara illi ma jsirx abbuz`fit-termini tas-sentenza precitata billi jikkontrolla x-xhieda u jispjega lill-ġurati r-regoli tal-hearsay kif indikat f'dik is- sentenza.*

*Issa il-posizzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u Investigattiv meta huwa jaghti ix-xhieda tieghu sabiex jispjega il-kors li ha l-istharrig minnu kondott ai fini li jasal ghal malvivent, hija xi ftit jew wisq differenti minn dak tax-xhud ordinarju billi fix- xhieda tieghu huwa irid necessarjament jaghti stampa ta' dak li wasslu sabiex jigu istitwiti l-proceduri penali fil-konfront tal-persuna akkuzata fejn allura jista' jindika illi huwa kiseb informazzjoni minn diversi sorsi,* ***<u>fosthom ufficjali tal-pulizija u persuni ohra involuti fl-investigazzjonijiet,</u>*** *nies pajzana li ighaddu xi informazzjoni u sahansitra anke xi sors kunfidenzjali li ma jistax jigi obbligat jizvela.* ***<u>Tali xhieda hija ammissibbli kemm il-darba issir bis-</u>***

[22] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-31 ta' Jannar, 2018.

***salvagwardji kollha li taghti l-ligi fejn allura l-Imhallef togat ghandu jaghti id-direzzjonijiet opportuni lill-gurati in konnessjoni mar-regola tal-hearsay evidence u liema piz ghandha tinghata lil din ix-xhieda fejn allura il-persuna li tkun tat l-informazzjoni ma tingiebx fil-qorti sabiex tixhed u allura l-persuna akkuzata ma ikollhiex kontroll fuq dak mistqarr minnha.***

*Maghdud dan allura din il-Qorti ma tistax taqbel ma'l-eccezzjoni sollevata mill- akkuzat illi a priori x-xhieda tal-Ufficjali Investigattivi, kemm Ciappara kif ukoll Theuma hija wahda inammissibbli. Illi fuq kollox ghalkemm l-akkuzat* ***jilmenta illi x- xhieda taz-zewg ufficjali investigattivi tikkostitwixxi hearsay evidence fil-maggior parti taghha, madanakollu ma jindikax liema parti tax-xhieda huwa qieghed isib oggezzjoni ghaliha u din il-Qorti ma tistax certament f'dan l-istadju tezamina l-atti bil-ghan illi taghmel apprezzament ta' dak li jinghad billi dan il-kompitu ghadu jithalla f'idejn il-gurija popolari dejjem bis-salvagwardja illi kif inghad jinaghtaw direzzjoni mill-Imhallef togat dwar l-ammissibbilita o meno ta' xi partijiet mix- xhieda kif inghad fejn dawn jikkostitwixxu 'l hekk imsejjah 'detto del detto'.***'[23]

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi it-tielet eccezzjoni mressqa minn l-akkuzat *Omissis* qed tigi michuda wkoll.

L-Avukat Generali permezz ta' nota datata it-18 ta' Marzu, 2021 pprezenta zewg eccezzjonijiet u dan fuq l-inammissibilta' ta' Dok DB1 u Dok DB2 pprezentati man-nota ta' eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat. Dawn id-dokumenti jikkonsistu minn printouts ta' diversi posts fuq il-media socjali, kif ukoll *chat logs*. L-Avukat Generali

[23] Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ahmed El Fadali Enan** deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-3 ta' Dicembru, 2019.

qieghed jinsisti fuq din l-inammissibilta' minhabba l-fatt li mhux indikat min ghamel id-*downloads* u *l-printouts* esebiti u mhux indikati r-rapprezentanti ta' *Badoo, Instagram u Facebook* sabiex jikkonfermaw l-awtenticita' ta' l-istess.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omisss**[24] fejn intqal hekk fuq dan il-punt:

> 17. **Issa il-prova li qed tfittex biex taghmel id-difiza tenhtieg necessarjament grad ta' kontroll sabiex jigi accertat l-awtenticita' mhux biss tad-dokument esebiet izda ukoll u fuq** ***kollox tal-veracita' tal-kontenut tieghu u l-awtur tal-istess. Fotokopja ta' screenshot minn fuq pagna ta' sit elettroniku bhal ma hu l-facebook minghajr ma jkun hemm verifika mhux biss tal-awtur tal-post li qed issir referenza ghaliha, izda ukoll tad-data u tal-provenjenza tal-istess mhijiex prova sufficjenti skont il-ligi. Il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dokumenti li ma tistax tigi ivverifikata l-awtenticita' u/jew l-provenjenza taghhom. Din mhijiex prova valida.***
>
> *Illi bil-fatt illi d-difiza ma hasbitx sabiex tressaq din il-prova u cioe' dan id-dokument fl-istadju opprotun u cioe' fl-istadju meta kellu jsir dan skont il-ligi wassal sabiex fl-istadju inoltrat tal-guri u cioe' fl-istadju tal-provi tad-difiza kien ser ikun impossibbli sabiex mhux biss l-parti l-ohra tkun tista' tezercita xi forma ta' kontroll fuq tali prova,* ***izda kien ser jkun imposibbli ukoll ghal Qorti li taccerta ruhha mill-validita' tal-istess.***
>
> *18. Illi anke jekk gratia argomenti din il-Qorti kellha takkorda t-talba tal-appellant sabiex jigu ezebiti dawn id-dokumenti issa fi stadju ta' revizjoni,* ***il-valur probatorju taghhom huwa wiehed de minimis***

[24] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-26 ta' Frar 2020.

***jekk mhux addirittura inezistenti billi kif inghad ma jista' qatt jigi stabbilit l-awtenticita' tal-istess.*** ***Illi r-regola stabbilita permezz tal-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali ghandha tapplika bl-istess qies ghal Prosekuzzjoni kif ukoll ghad-difiza, b'dan ghalhekk illi ghalkemm l-persuna akkuzata ghandha id-dritt ghas-silenzju u m'hi obbligata tipprova xejn, madanakollu jekk taghzel li trid taghmel xi prova, allura fil-konfront tal-akkuzat ghandhom japplikaw dawk ir-regoli kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-apprezzament tal-provi b'dan illi huwa ghandu jipprova dak allegat minnu sal-grad tal-probabbli u jekk dan il-grad tal-prova ma jilhqux allura jkun qed ixejjen dak minnu allegat. Illi ghalhekk il-prova li qed ifittex biex jaghmel l-appellant issa f'dan l-istadju ta' revizjoni, u anke tazzarda tghid il-Qorti quddiem il-Qorti Kriminali, ma jilhaqx dan il-grad tal-prova meta kif inghad il-valur probatorju ta' dik il-prova hija wahda fjakka. Illi huwa ghal dan il-ghan illi l-legislatur sahansitra fi stadju kumpilatorju jaghti l-opportunita' lid-difiza illi taghmel kontro-ezami lix-xhieda tal-prosekuzzjoni jew li tipproduci xhieda u provi godda u li l-istess jigu ippreservati, kif stabbilit fl-artikolu 405(5) tal-Kodici Kriminali.***

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti, filwaqt li taf illi ghal kuntrarju tal-kaz sucitat, id-difiza fil-proceduri odjerni pprezentat DOK DB1 u DB2 ma' l-elenku tad-dokumenti flimkien mal-eccezzjonijiet preliminari, xorta wahda jibqa' l-fatt li l-awtentiticta' u l-veracita' taghhom ma gietx ippruvata bl-ebda mod. Ghaldaqstant, in vista dak kollu sucitat, Dok DB1 u Dok DB2 ma jistghux ikunu kkunsidrati bhala provi ammissibbli.

Ghal dawn il-motivi din l-Qorti qedgha tichad l-eccezzjonijiet imressqa mill-akkuzat *Omissis* fl-intier taghhom u tiddikjara illi Dok DB1 u Dok DB2, li jinsabu minn fol 24 sa fol 28 tal-process u li gew pprezentati mill-akkuzat flimkien mal-eccezzjonijiet preliminari tieghu, bhala inammissibli u tordna l-isfilz taghhom.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur